

V

(Avviżi)

**PROCÉDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8037 — INCJ/Sumitomo/Sekisui/JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**(2016/C 188/03)**

1. Fid-19 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni rċeviet notifika għal konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li permezz tagħha l-impriżi Innovation Network Corporation of Japan ("INCJ", il-Ġappun), Sumitomo Chemical Co., Ltd. ("Sumitomo", il-Ġappun) u Sekisui Chemical Co., Ltd. ("Sekisui", il-Ġappun) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġidha li tikkostitwixxi impriżja konġunta ("JV", il-Ġappun) permezz ta' xiri ta' isħma. JV tkun attiva fil-manifattura u l-bejgħ ta' kisi tal-plastik użat fl-agrikoltura, kisi tal-plastik li jintuża biex jissiġilla, u kisi tal-plastik għal skopijiet oħra.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal INCJ: il-promozzjoni tal-innovazzjoni u n-negożju fil-Ġappun, l-analiżi ta' opportunitajiet varji ta' investiment fl-oqsma tal-enerġija nadifa, l-elettronika, l-IT u l-bijoteknoloġja u fis-setturi relatati mal-infrastruttura bħall-fornitura tal-ilma,
- għal Sumitomo: il-manifattura u l-bejgħ ta' firxa wiesgħa ta' prodotti kimiċi inklużi l-petrokimiċi, il-plastik, kimiki relatati mal-IT, l-enerġija, is-sahħha u fuq l-għeżejjel, prodotti farmaċewti u oħrajn,
- għal Sekisui: il-manifattura u l-bejgħ ta' materjal tal-plastik ta' prestazzjoni għolja, prodotti tal-infrastruttura u l-ambjent urban, akkomodazzjoni u prodotti oħrajn.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taq'a fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'din in-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks +32 22964301) jew bl-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.8037 — INCJ/Sumitomo/Sekisui/JV, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(¹)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

<sup>(²)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.